



Brussell, 30 ta' Settembru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0189(COD)

12464/19
ADD 1

CODEC 1417
PI 132

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni possibbli

tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE biex tkopri prodotti mhux agrikoli

Il-Kummissjoni tieħu nota tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-estensjoni possibbli tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE biex tkopri prodotti mhux agrikoli.

Il-Kummissjoni varat studju f'Novembru 2018 biex tikseb iktar evidenza ekonomika u legali dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mhux agrikoli fis-Suq Uniku, bħala komplement ta' studju mill-2013, kif ukoll biex tikseb iktar data dwar kwistjonijiet bħall-kompetittività, il-kompetizzjoni qarrieqa, il-falsifikazzjoni, il-perċezzjoni tal-konsumatur, il-kostijiet u l-benefiċċji, kif ukoll dwar l-effettività tal-mudelli ta' protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi mhux agrikoli fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Skont il-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar u l-impenji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil aħjar tal-liġijiet, il-Kummissjoni se tifli l-istudju kif ukoll ir-rapport dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Att ta' Ġinevra kif imsemmi fl-Artikolu dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tar-Regolament dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha fl-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar Denominazzjonijiet ta' Orġini u Indikazzjonijiet Ġeografiċi, u se tikkunsidra l-passi possibbli li jmiss.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni
dwar il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament

Il-Kummissjoni tinnota li, filwaqt li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament hija ħtieġa legali fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, tista' tafferma madankollu li fil-kuntest tal-acquis attwali tal-UE, kwalunkwe intervent mill-Kummissjoni jkun eċċezzjonali u ġġustifikat kif xieraq. Matul il-konsultazzjonijiet ma' Stat Membru, il-Kummissjoni se tagħmel l-almu tagħha biex tinstab soluzzjoni komuni mal-Istat Membru għal kull tħassib, sabiex tevita l-ħruġ ta' opinjoni negattiva. Il-Kummissjoni tinnota li kwalunkwe opinjoni negattiva tkun innotifikata bil-miktub lill-Istat Membru kkonċernat, u f'konformità mal-Artikolu 296 tat-TFUE tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom l-opinjoni negattiva kienet imsejsa. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li opinjoni negattiva ma teskludix is-sottomissjoni ta' applikazzjoni ulterjuri fir-rigward tal-istess denominazzjoni ta' oriġini, jekk ir-raġunijiet għall-opinjoni negattiva jkunu ġew indirizzati kif xieraq jew jekk ma baqgħux applikabbli.
